KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 339**

**It-Tnejn 8 ta' Mejju, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**339.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

339.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**339.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

339.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 337 u 338. Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 337 u tal-laqgħa imsejjħa b'urġenza numru 338, jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**339.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

339.3.1 Is-Sindku qal li kif il-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja mxiet tajjeb ħafna minkejja li l-parti ta' fuq kellha tingħalaq. L-attendenza kienet waħda tajba u l-atmosfera reġgħet kienet waħda sabiħa u li tixraq f'dak il-lejl.

339.3.2 Is-Sindku qal li ġie nnotifikat li saret emenda għall-applikazzjoni tal-Awtorita' tad-Djar biex jinbena Housing Estate fis-Siġġiewi. Dan iffisser li l-Kunsill jista' jikkunsidra li jressaq l-oġġezzjoni tiegħu għal dan il-proġett. Il-Kunsilliera kollha tkellmu li dan il-proġett kif ippjanat ser joħloq inkonvenjent kbir għar-residenti u għal lokal. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ssir oġġezzjoni formali quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar.

339.3.3 Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet b'rabta mal-attivitajiet u l-armar kollu tal-Festa ta' San Nikola daħħlu kollha kif mifthiem fil-Laqgħa tal-Għaqdiet. Is-Siġġiewi brass band festival, talbet ukoll il-permess tal-kunsill lokali biex isir armar ġdid quddiem is-sede tal-istess soċjeta'. Is-Sindku ppropona li qabel il-kunsill jiddeċiedi fuq dan tissejjaħ laqgħa mal-persuni konċernati biex ikun żgurat li l-armar propost joqgħod biex ikun evitat kull inkonvenjent. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**339.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

339.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**339.5 Skema tal-Awtorita' tad-Djar**

339.5.1 Is-Sindku qal li wara li saret il-laqgħa mar-residenti kif mifthiem kif ukoll wara l-ispezzjoni tal-blokki mill-perit tal-Kunsill, il-Kunsill ircieva seba' applikazzjonijiet mill-għaqdiet tar-residenti. Peress li l-iskema hi ntiża biex isiru xogħolijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ tal-komun ta' 5 blokok tal-binijet tal-Gvern fis-Siġġiewi, is-Sindku talab li l-kunsill jikteb lill-Awtorita' biex tikkunsidra ddaħħal fl-iskema is-seba' blokki li ffurmaw l-assoċċjazzjoni tal-komun peress li skont il-fehma tal-perit dawn is-seba' blokki huma fil-bonn li jsir xogħol fuqhom. Il-Kunsill qabel li ssir din it-talba.

**339.6 Approvazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla dwar is-sejħa ta' offerta LCS 41/17.**

339.6.1 Is-Sindku talab lis-segretarju jispjega. Is-Segretarju qal li l-kumitat tal-aġġudikazzjoni iltaqa' u evalwa l-offerti kollha li daħħlu. B'kollox daħħlu 4 offerti mingħand General Maintenance Ltd, Steelshape Ltd, LBV Ltd, u SBG Holding ltd. L-irħas offerta kienet ta' Steelshape Ltd b' €15,855.00. Il-kumitat tal-aġġudikazzjoni, aġġudika l-offerti u qed jirrakkomanda li t-*tender* jintrebaħ minn Steelshape Ltd.

Il-kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**339.7 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

339.7.1 Il-Kunsillier Clayton Cutajar qal li qed jikkolabora mal-kunsilliera Gillian Farrugia Pace dwar ħarġa għall-esplora li mistennija ssir fit-22 ta' Ġunju. Hu semma wkoll li qed isiru l-aħħar tħejjijiet dwar il-programm naqsam il-muza bl-attivita' tal-ftuħ se ssir nhar it-8 ta' Ġunju 2017 fis-sala tal-Kunsill.

339.7.2 Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace qalet li fl-20 ta' Ġunju se ssir quddiesa għall-anzjani u wara jsir ir-riċeviment fl-okkazzjoni tal-Festa.

**339.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

339.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**339.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

339.9.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 13 ta' Ġunju 2017.

| | |
|---|---|
| L-Avukat Karol Aquilina | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |